MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2012

Numru. 1250/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daniel Zammit)**

**vs.**

**Eliano Briffa**
**Joseph Grioli**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Eliano Briffa** ta' dsatax (19) il-sena, bin Consiglio u Maria Dolores nee Briffa, mwieled Pieta nhar is-17 ta' Ottubru 1992, detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 482192M u residenti gewwa 6, Sqaq Buzawra, Birkirkara u **Joseph Grioli** ta' dsatax (19) il-sena, bin Francis u Salvina nee Grioli, mwieled Pieta nhar it-18 ta' Settembru 1992, detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 453192M u residenti gewwa 7 Blk 2, Flt 6, Triq San Patrizju, Valletta;

akkuzati talli bejn l-1 ta' Awwissu 2011 u l-31 ta' Ottubru 2011, gewwa Arriva Depot, Floriana, ikkommettew serq ta' fuel minn ghand il-kumpanija Arriva (Malta) Ltd., ghad-dannu tas-sidien u d-diretturi tal-istess kumpanija, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jaqbez il-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), bil-persuna u bil-hin.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet lill-imputati jammettu l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u semghethom jikkonfermaw l-ammissjoni taghhom anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw l-pozizzjoni taghhom.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara illi l-ammont dovut miz-zewg imputati huwa dak ta' hames mija u tmenin Euro (€ 580.00) kull wiehed.

**Ikkunsidrat**
Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi dwar il-piena l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni n-natura tar-reati addebitati lill-imputati, l-ammissjoni bikrija tal-imputati f'dawn il-proceduri u l-fedina penali tal-istess imputati (li hija wahda nadifa).

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Artikoli 261(c), 261(d), 261(f), 267, 268, 270 u 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, fil-fehma tal-

Qorti, jissusistu cirkostanzi ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghalhekk il-Qorti tillibera lill-imputati bil-kundizzjoni li ma jikkommettux reat iehor fi zmien tlitt (3) snin millum u tordna li sa zmien sitt (6) xhur millum jhallsu s-somma ta’ hames mija u tmenin Euro (€ 580.00) kull wiehed lis-socjeta’ Arriva (Malta) Ltd.

Il-Qorti twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huma jikkommettu reat iehor matul dan il-perijodu ta’ liberta’ kundizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------